KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tmintax (18)***

***It-Tlieta, 19 ta' Mejju, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali ghal-Laqgha tal-Kunsill fil-hamsa ta' wara nofsinhar (5:00pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**<u>MINUTI</u>**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**<u>18.1 Qari tal-ittri ta' apologiji</u>**

18.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji.

**18.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;</u>**

18.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 17 li nzammet nhar l-Erbgha, 29 ta' April, 2020.

18.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 17 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

18.2.3 Il-Kunsilliera Rose Agius pproponiet li ssir korrezzjoni f'materja numru 17.7 fejn ghandha tizdied, "Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar il-progett tal-bini li qed isir fi Triq il-Qattus fejn talbet li l-Kunsill jitlob li jinghata kopja tal-pjanti tal-PA".

18.2.4 **Mozzjoni 18-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 17 bil-korrezzjoni msemmija f'materja numru 18.2.3

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 17 gew approvati unanimament.

**18.3 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti</u>**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 18 (08) – Mejju 2020***

18.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 18(08) biċ-ċekkijiet numru 7017 sa 7036 li tammonta €18,134.52

18.3.2 **Mozzjoni 18-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 18(08) bl-ammont ta' €18,134.52

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 18(08) giet approvata unanimament.

**18.4 Proposta ghall-zvilupp PA 02725/20**

18.4.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar din il-proposta fejn qal li huwa propost li z-zona tinbena hu jsir 'shopping mall'. Fuq in-naha ta' wara se jibqa parking.

18.4.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli kif ukoll il-Kunsillier Keith Fenech dahlu fil-website tal-PA sabiex jaraw il-pjanti kollha tal-progett.

18.4.3 Is-Sindku Darren Abela qal li nhar il-Hamis fit-3pm se jkollu laqgha mal-applikant sabiex tigi diskussa il-proposta.

18.4.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-fatt li l-indirizz tal-hwienet taz-zona kollha huma Zejtun meta iz-zona hija fil-konfini ta' Hal Ghaxaq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-applikazzjoni tal-PA ghal dan il-progett imnizzla fuq Hal Ghaxaq.

18.4.5 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li l-Kunsill jara l-vizjoni taz-zewg Ghaqdiet lokali minhabba li jinharaq in-nar u b'dan il-progett jista' jigi affettwat.

18.4.6 Ghaldaqstant il-Kunsill f'dan l-istadju ma setax jiehu decizjoni dwar il-pozizzjoni tieghu ghal din il-proposta. Il-Kunsill iddecieda li din il-materja terga tigi diskussa f'Laqgha ohra li ssir il-Gimgha d-diehla, wara li l-Kunsill ikun ra l-pjanti kollha u jkun jaf ukoll il-pozizzjoni tal-Ghaqdiet tal-Festi.

**18.5 Korrispondenza**

18.5.1 Tressqet kwotazzjoni sabiex jinbidlu ix-xbieki tal-lasti tal-ground 5-a-side. Il-kwotazzjoni hija ta' €80 il-par minghajr l-installazzjoni. L-Kunsill qabel unanimament.

18.5.2 Tressqet korrispondenza dwar persuna li kellha incident u baqghet diehla go arblu fi Triq il-Belt Valletta, fejn fethet *claim* mal-*Insurance* taghha. Wara li ngiebet kwotazzjoni tal-hsara li saret u giet mghoddija lill-Insurance, din ta' l-ahhar wiegbet li se tkun qed thallas 75% tal-ammont ta' €879.94 u dan minhabba *depreciation*. Il-Kunsill ma jhossx li ghandu jhallas il-kumplament u ghaldaqstant qabel li jiehu parir jew minghand l-avukat jew minghand l-Insurance taghna.

18.5.3 Tressqet kwotazzjoni sabiex tinxtara *stencil* sabiex isiru marki biex in-nies izommu d-distanza socjali. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li r-Regjun se jkun qieghed jghaddi lill-Kunsilli xi *stickers* simili ta' dawn. Ghaldaqstant il-Kunsill ma jhossx il-bzonn li tinxtara din l-*istencil* ukoll.

18.5.4 Tressqet korrispondenza minghand l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar progett pilota fejn il-Kunsilli jridu jfasslu pjan temporanju biex jinholqu rotot pedonali, rotot ghac-ciklisti u spazji miftuha ohra ghall-ezercizzji fizici. Il-Kunsill qabel li tingieb iktar informazzjoni dwar dan il-progett.

18.5.5 Tressqet kwotazzjoni sabiex is-servizz tad-DPO jigi mgedded ghal sena ohra b'20% rohs fil-kwotazzjoni. Il-Kunsill approva li jigi mgedded ghal sena ohra.

18.5.6 Tressqet korrispondenza minghand il-kuntrattur Peter Plant Ltd. fejn qed jitlob li jigi mghoddi lilu il-hlas tax-xoghol li hu diga ghamel fuq l-isprall ta' Triq Dun Guzepp Demicoli. Il-Kunsill f'dan l-istadju qabel li jhallsu ta' dan ix-xoghol galadarba sar, izda darb'ohra jitqabbad kuntrattur iehor. Il-Kunsill qabel ukoll li jqabbad kuntrattur iehor biex isiru t-tiswijiet.

18.5.7 Tressqet korrispondenza minghand resident li joqghod fi Triq San Filippu fejn ressaq ilment dwar l-ammont ta' incidenti li jsiru ta' spiss f' Salib it-Toroq. Il-Kunsill kien ga ghamel xi road humps izda is-Sindku Darren Abela qal li kellhom jinqalghu minhabba li kienu ta' inkonvenjent ghar-residenti. Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li biex forsi tissolva din il-problema, Triq Dun Guzepp Demicoli issir *one way.* Il-kumplament tal-Kunsill jahseb li r-residenti mhux se jkunu favur li din it-triq tigi *one way*. Ghaldaqstant f'dan l-istadju, il-Kunsill qabel li jaghmel rifriskar tas-sinjali kollha u l-*istop signs.* Rigward ir-*road humps* ghalissa ma jitwahhlux sakemm jibda jsir infurzar tat-trakkijiet li jghaddu minn dik it-triq.

18.5.8 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li gie ppublikat il-Performance Report ghas-sena 2019, fejn il-Kunsill mhux qieghed jaqbel mal-punti li inghatajna fir-rigward tal-manutenzjoni tat-toroq.

18.5.9 Treqqet talba minghand l-Ghaqda Muzikali San Guzepp dwar attivitajiet li jixtiequ jorganizzaw fix-xahar ta' Gunju fil-berah. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li jinhareg il-permess sakemm jinzammu l-mizuri kollha mahrugin mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika u li jingiebu l-permessi kollha necessarji mill-awtoritajiet kollha kkoncernati.

18.5.10 Tressqu zewg kontijiet minghand il-kuntrattur tal-gbir ta' Skart fejn qed jitlob li jithallas *extra* tal-gbir ta' skart li ghadu jigbor minn Bir id-Deheb. Il-Kuntrattur qal li dan l-iskart mhux tal-hwienet izda jigu nies minn postijiet differenti jarmu f'dik iz-zona. Il-Kunsill ma jaqbilx li ghandu jkompli jithallas extra ghal dan il-gbir u dan minhabba li dan l-iskart jista' jkun qed jinhareg mir-residenti stess u ghaldaqstant ghandu jingabar mal-ammont ta' kull xahar stipulat fit-tender.

**18.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

18.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li huwa jaqbel mal-progett tal-AKL *yousafe* u ghaldaqstant ma jarax problema li din il-pagna tibqa tintuza mill-Kunsill stess u l-amministraturi tal-pagna ikunu il-Kunsilliera kollha li qeghdin fil-pagna. Dwar dan il-Kunsill qabel.

18.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li l-internet tal-bandli ghadu ma sarx minhabba li meta gew jinstallaw is-sistema sabu xi problema fil-*connection* li gejja mill-Bypass u ghaldaqstant ghadhom qed jahdmu fuqha.

18.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li sabiex jersqu iz-zewg *bus shelters* li hemm fil-Bypass, il-Kunsill irid ihallas l-ispiza approssimattiva ta' €2000. Il-Kunsill qabel li jekk hemm bzonn li dawn il-*bus shelters* jersqu, il-Kunsill m'ghandux alternattiva hlief li jhallas din l-ispiza.

18.6.4 Is-Sindku Darren Abela qal li wara li hareg il-Permess biex fi Triq il-Barbazzal jinbnew l-appartamenti, hemm bzonn li issa tinfetah Triq Wenzu Dalli. Ghaldaqstant ppropona li terga tintbaghat korrispondenza sabiex din it-triq tinfetah.

18.6.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jingieb *bowser* fi Triq il-Qattus minhabba l-ammont ta' trab li hemm, peress li t-triq ghadha mhix maghmula. Il-Kunsill qabel li jingieb *bowser*.

18.6.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment li l-MC parking li hemm fejn il-Kappillan, qed ikun hemm karozza dejjem ipparkjata. Huwa ppropona li jsir xi Hadid sabiex karozza ma tkunx tista tipparkja. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta minhabba li jista jinholoq precedent. Ghaldaqstant qabel li jekk jingieb ritratt tal-karozza pparkjata hazin, dan jigi mghoddi lill-LESA sabiex jigi mharrek.

**18.7 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

18.7.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli ppproniet li jinfethu l-bandli ghall-pubbliku issa li qed jigu rilaxxati certu mizuri. Is-Sindku Darren Abela qal li hu ma jaqbilx ma dan minhabba li hekk qeghdin inpoggu f'riskju lin-nies u tfal li juzawh. Il-bqija tal-membri tal-Kunsill ma jsibu ebda oggezzjoni li jerga jinfetah ghall-pubbliku.

18.7.2 Il-Vici Sindku talbet ukoll biex jinqata l-haxix li hemm fil-bandli l-gdid u qalet li se tordna xi fjuri biex jinzraw fil-konki. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

18.7.3 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm tabella ta' 'No entry' fi Triq il-Qattus mkissra u qeda ma l-art, sabiex tigi rrangata.

18.7.4 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm xi haxix hazin mal-Istatwa ta' Santa Marija fejn ipproponiet li jinqata u jinghata ftit cement sabiex ma jergax jitla'.

18.7.5 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li l-Kunsill jippartecipa fi progett *Light the Sky Malta* billi nixghelu il-Knisja ta' Santu Kristu. Intalab ukoll li tinghalaq it-triq bejn is-7pm u l-11pm izda l-Kunsill qabel li meta niddiskutu maghhom ninfurmawhom biex it-triq tithalla accessibli ghall-vetturi. Il-Kunsill approva.

18.7.6 Il-Kunsillier Andreas Gatt ippropona li f'dik l-ghalqa ta' wara l-ground il-kbir titnaddaf u fiha jinzerghu is-sigar. Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn tithalla zona fejn il-Kunsill ikun jista' jhalli xi affarijiet li jkunu ghar-rimi biex umbad dawn jintremew fi vjagg wiehed. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jsiru xi skips tal-injam puliti biex il-materjal jintrema fihom.

18.7.7 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bzonn jitnehhew il-knatan li hemm fi Pjazza ta' Triq San Gorg. Is-Sindku wiegeb li dawn tnehhew.

18.7.7 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bzonn ukoll isir qtugh ta' haxix fi Triq Has-Saptan.

**18.8 <u>Mozzjonijiet</u>**

18.8.1 Annessi mal-Minuti

**18.9 <u>Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

18.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal gimgha d-diehla sabiex jigu approvati l-Financial Statements 2019 u terga tigi diskussa materja numru 18.4

Il-Laqgha ntemmet fid-9.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 18**

**Mozzjoni Ref:** 18-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 17

**Andreas Gatt**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 19 ta' Mejju 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 18**

**Mozzjoni Ref:** 18-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 18

| | |
|---|---|
| **Rose Agius** | **Andreas Gatt** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 19 ta' Mejju 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**